MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 22/2005

Silvio Zammit

vs

Dr. Francesco Depasquale
Bħala mandatarju ta' l-aħwa
Carrie-Ann u Trudie Grech,

U b'degriet tal-25 ta' Frar 2010,
L-avukat Dr. Carmelo Galea ġie kjamat
Fil-kawża bħala esekutur testamentarju
Tal-eredita' tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi permezz ta' testment magħmul fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani fil-wieħed u tletin ta' Diċembru tas-sena elf

disa' mija disgħa u disgħin (Dok A) it-testatur Carmelo sive Charles Grech innomina lil Dr. Carmelo Galea u l-attur Silvio Zammit bħala esekuturk testamentarji tiegħu;

Illi permezz ta' rikors ippreżentat minn Dr. Francesco Depasquale bħala mandatarju ta' l-aħwa Carrie-Ann u Trudie Grech, werrieta tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech ġiet mitluba r-revoka ta' l-attur mill-kariga tiegħu ta' eżekutur testamentarju;

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja permezz ta' digriet mogħti fis-sebgħa (7) ta' Mejju 2004 (Dok B) ordnat illi l-attur Silvio Zammit jiġi imneħħ minn eżekutur 'stante n-nuqqas ta' l-interess fl-eredita' ta' l-imsemmi Charles Grech'.

Illi din id-deċiżjoni ittieħdet wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja semgħet biss dak li kellhom x'jgħidu l-konvenut Dr. Francesco Depasquale u l-eżekutur testamentarju l-ieħor Dr. Carmelo Galea;

Illi l-attur ittenta permezz ta' diversi rikorsi jispjega lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja illi huwa ma kienx attenda għas-seduta li ġiet appuntata għas-smiegħ tar-rikors hawn fuq indikat għaliex mill-uffiċċju tal-legali tiegħu ġie infurmat illi d-data tas-seduta kienet is-sebgħa (7) ta' Mejju 2004 u meta tela l-Qorti sar jaf li s-smiegħ kien sar fil-ġurnata ta' qabel;

Illi huwa bl-ebda mod ma jista' jitqies li ma kellu nuqqas ta' interess fl-eredita' tal-mejjet Charles Grech, u dana peress li qabel ma ġie mneħħi minn eżekutur testamentarju huwa beda wkoll numru ta' proċeduri legali sabiex jiġi żgurat li l-eredita' ta' l-istess Charles Grech tiġi salvagwardjata bl-aħjar mod possibli, kif jiġi dettaljatament ippruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;

Illi l-attur jixtieq li jkompli jippresta s-servizzi tiegħu bħala eżekutur testamentarju sabiex ħadd ma jieħu vantaġġ mill-eredita' tal-mejjet Charles Grech, kif fl-aħħar mill-aħħar kienet ix-xewqa ta' l-istess decujus Charles Grech,

li ċertament kellu r-raġunijiet tiegħu għaliex fit-testment tiegħu huwa nnomina żewġ eżekuturi testamentarji u ċioe' lill-attur innifsu u lill-avukat Dottor Carmelo Galea.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tirrevoka d-degriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-sebgħa (7) ta' Mejju 2004 li permezz tiegħu l-attur tneħħa minn eżekutur testamentarju tal-mejjet Charles Grech;

2. Tordna illi l-attur jerġa jiġi nominat bħala eżekutur testamentarju tal-mejjet Cħarles Grech u dana skond id-dispożizzjonijiet testamentarji ta' l-istess Charles Grech kif kontenut fit-testment tiegħu tal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999).

Bl-ispejjeż inklużi dawk tar-rikorsi li saru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa l-konvenut qed jiġi mħarrek.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur konfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi:

1. Illi l-azzjoni kif intavolata hija monka stante illi kellha tiġi istitwita kontra l-eżekuturi illi jirrappreżentaw l-eredita' tal-mejjet Carmelo sive Cħarles Grech, u mhux kontra l-konvenut noe b'mod illi, il-ġudizzju m'huwiex integru u għalhekk il-konvenut noe għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Illi fit-tieni lok, l-azzjoni kif intavolata hija nulla u bla effett, stante illi tammonta biss għall-appell minn deċiżjoni ta' Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

3. Illi, fit-tielet lok, l-interess tal-attur għandu jiġi identifikat u għandu, b'mod partikolari, jiġi stabilit f'liema kwalita' l-attur qiegħed jintavola l-azzjoni odjerna;

4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, u dana kif jintwera aktar fid-dettal waqt il-mori tal-kawża.

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta l-istess konvenut minnu maħlufa.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Frar 2010 fejn l-avukat Dottor Carmelo Galea ġie kjamat fil-kawża bħala esekutur testamentarju tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Dottor Carmelo Galea nomine li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, almenu fil-konfront tal-esponenti, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, eżekutur testamentarju li jkun ġie rimoss mill-kariga tiegħu b'ordni tal-Qorti ma għandu ebda interess ġuridiku u ma għandu ebda dritt tutelabbli fil-liġi, li jitlob ir-reintegrazzjoni tiegħu f'dik il-kariga tiegħu.  Tali dritt se mai jispetta lill-eredi tad-decujus; mentri l-eżekutur testamentarju rimoss jista' talvolta jkollu dritt, fiċ-ċirkostanzi idonei (u ċ-ċirkostanzi odjerni ċertament mhumiex idonei), jaġixxi għal riżarċiment ta' xi danni illi huwa jkun sofra per konsegwenza tar-rimozzjoni tiegħu f'każ illi jirriżulta illi din kienet inġusta u effettivament wasslet sabiex huwa jsofri xi danni simili.

3. Illi t-talba sabiex jiġi revokat *contrario imperio* d-degriet tas-7 ta' Mejju 2004 *hija inammissibbli fit-termini tat-Titolu III tat-Tieni Taqsima* tat-tieni Ktieb tal-

Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak it-titolu jagħti d-dritt lill-eżekutur illi jattakka d-deċiżjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja biss fil-każ illi huwa jkun ġie sospiż, imma mhux ukoll meta huwa jiġi addirittura imneħħ mill-kariga tiegħu min dik il-Qorti.

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur ma jista jlum lil ħadd ħliefu innifsu, jew l-avukat ta' allura tiegħu, jekk ħa l-informazzjoni dwar id-data ta' meta kellu jidher quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, skorrettement. U għalhekk id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti kienet waħda korretta u mhux ta' min jiddisturbaha b'xi mod.

5. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, il-Qorti Ġurisdizzjoni għandha, u kellha, kull dritt illi tirrimwovi eżekutur testamentarju mill-kariga tiegħu, u dan fit-termini tal-artikolu 518 u 519 tal-Kapo. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk independentement minn kull kondizzjoni oħra, dik id-deċiżjoni hija korretta, insindikabbli u kwindi ma tistax tiġi revokata.

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Dottor Galea nomine minnu maħlufa.

Rat il-verbal tagħha tas-6 ta' Mejju 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet relattivi ta' l-istess kjamat fil-kawża u ta' l-attur.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża, l-attur qed jitlob li jiġi revokat digriet ta' din il-Qorti fil-kompetenza volontarja tagħha tas-7 ta' Mejju 2004[1] li permezz tiegħu huwa tneħħa minn ko-ezekutur testamentarju tal-mejjet Carmelo sive Charles

[1] Dok. B anness maċ-ċitazzjoni a fol. 9 .

Grech, u konsegwentement li jerġa' jiġi integrat f'dan l-inkarigu.

Għal dawn it-talbiet il-kjamat fil-kawża Dottor Carmelo Galea ressaq żewġ eċċezzjonijiet preliminari dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur li jippromwovi din il-kawża u l-inammissibilita' tat-talba.

Huwa għalhekk meħtieġ qabel xejn illi jiġu ttrattati dawn l-eċċezzjonijiet qabel ma jiġi eżaminat il-mertu. Fiċ-ċirkostanzi jkun opportun li l-ewwel tiġi ttrattata t-tielet eċċezzjoni, għax jekk tassew jirriżulta li l-azzjoni ttentata mill-attur hija inammisibbli fil-liġi tagħna, ikun għal kollox inutili li jiġi diskuss x'interess ġuridiku l-attur jista' jkollu fiha.

Il-kjamat fil-kawża jsostni li l-azzjoni preżenti hija inammissibbli għaliex il-liġi tagħna ma tipprovdix għar-reintegrazzjoni ta' esekutur testamentarju li jkun tneħħa mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja. In sostenn ta' din it-teżi tiegħu huwa jiċċita l-artiklu 776 tal-kap. 16 li jgħid li l-esekutur testamentarju jista' jitlaq (minn jeddu) mill-esekuterija u anke jitneħħa (mill-qorti), u l-artikolu 516 tal-Kap. 12 li jistipula l-proċedura biex issir is-sospensjoni ta' esekutur testamentarju u kif l-istess sospensjoni tista' tiġi mħassra. Jargumenta għalhekk illi ġialadarba l-liġi ma tgħid xejn dwar ir-reintegrazzjoni ta' esekutur li jkun tneħħa u mhux sospiż biss, talba simili għal dik preżenti ma tistax issir. Imma l-kjamat fil-kawża donnu qed jinsa illi d-digriet li bih tneħħa minn esekutur testamentarju l-attur kien wieħed mogħti min din il-Qorti fil-kompetenza volontarja tagħha, u kif tajjeb indika l-attur fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, il-Kap. 12 jispeċifika bl-aktar mod inekwivoku għall-kontestazzjoni ta' digrieti mogħti minn dik il-Qorti. Infatti l-artikolu 35 ta' dak il-kodiċi jistipula illi: "**Mid-digrieti tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja ma jingħatax appell iżda, meta l-parti jidrilha li hija aggravata, tista' tagħmel kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-provvediment meħtieġ**." Imkien ma jingħad li hemm xi digrieti ta' dik il-Qorti li ma jistawx jiġu kontestati. Dan huwa appuntu dak li qed jittenta jagħmel l-attur, u ċioe' li jattakka digriet ta' dik il-Qorti li bih huwa

tneħħa minn esekutur, u għaldaqstant sa fejn din il-kawża qed issir minn xi ħadd li jrid jattaka tali digriet, m'hemm xejn li huwa inammissibbli f'din l-azzjoni tiegħu.

Jibqa' għalhekk sabiex jiġi stabilit jekk l-attur *ut sic* u ċioe' bħala persuna li kienet ġiet nominata mid-*decujus* Carmelo sive Charles Grech sabiex tkun ko-esekutur testamentarju tiegħu, għandux interess ġuridiku biex jagħmel talba għar-reintegrazzjoni tiegħu f'din il-kariga.

Il-**Mattirolo** (Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano; Torino 5ta. ed. Torino 1902 #54 et. seq.) ifisser x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża bil-mod segwenti:

"*54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi la massima di giurisprudenza tradizionale "**l'interesse e' la misura di azione**" "**point d'interet, point d'action**". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art. 100 c. p. c.) e' detto che '**per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'**…. l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere **diretto, legittimo, e attuale.***

*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia **diretto, personale**, perche' … niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L'interese deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri*

*interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l'interesse deve essere* **attuale,** *val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente*" ( pag.50 – 52).

Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik taljana. Imma kif kellhom okkażżjoni jgħidu l-Qrati tagħna:

" *Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia,e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello,e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio*" ("Micallef Goggi vs. Armando Mifsud Vol. XXVII. I. 507).

Infatti teżisti ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna dwar l-elementi ta' l-interess ġuridiku meħtieġa f'kull kawża. Hekk insibu jingħad illi:

"*In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura ta' l-azzjoni (Vol. XXXVII. II. 608); u r-rekwiżit ta' l-interess hu ndispensabbli għall-proponibilita' ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII. I. 507). L-interess hu l-bazi ta' l-azzjoni (Vol. XXIX. I. 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX. I. 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li*

*tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII. I. 108; VOL. XXXVII. I. 57; XXXVII. II. 608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu ntererss fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittima u konkret (Vol. XXVIII. II. 317*)" (Appell : Pietro Paolo Borg v. Giuseppe Caruana : 3.12.1984; Vol. LXVIII. II. 233).

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, insibu illi l-attur għandu interess li huwa **dirett jew personali** għaliex kien ġie nominat bħala wieħed mill-esekuturi testamentarji tad-*decujus* Carmelo sive Charles Grech bis-saħħa tas-sitt artikolu tat-testment tiegħu tal-31 ta' Diċembru 1999.[2] Din kienet ix-xewqa u intenzjoni dikjarata tad-*decujus*, u għalhekk ma tistax tiġi njorata jew imwarrba b'mod leġġer. Wieħed għandu jifhem illi n-nomina ta' żewġ esekuturi kontemporanji t-testatur għamilha bi skop speċifiku, u tenut kont l-assi konsiderevoli tiegħu, dan x'aktarx kien li dawn ikunu jistgħu jikkontrollaw lil xulxin b'inqas possibilita' li jsir xi abbuż fil-mod kif jamministraw jew jiddisponi mill-assi ereditarji. Bid-digriet kontestat tas-7 ta' Mejju 2004 dan il-kontroll tneħħa jew ta' l-inqas iddajjef u għalhekk l-attur, bħala wieħed miż-żewġ persuni ndikati fit-testment ta' Carmelo sive Charles Grech biex iwettqu r-rieda tiegħu, għandu kull interess dirett u personali li jerġa' jkun f'pożizzjoni li jħares din ir-rieda.

Li dan l-interess huwa wieħed **leġittimu** ġia rriżulta minn dak li ġie stabilit hawn fuq fir-rigward ta' l-inammissibilita' o meno ta' din il-proċedura. Rajna li l-attur kellu kull dritt li jattakka d-digriet li bih kien tneħħa minn esekutur testamentarju. Kemm-il darba għalhekk għad jirriżulta li l-ilmenti tiegħu kienu ġustifikati, huwa jerġa' jiġi integrat fil-pożizzjoni li kien jokkupa qabel ma tneħħa, u bħala ko-esekutur testamentarju jkun jista' jkompli jamministra flimkien mal-kjamat fil-kawża l-assi tad-*decujus* fl-interess mhux biss ta' l-eredi preżuntivi preżenti, imma wkoll ta'

---

[2] Dok. A anness maċ-ċitazzjoni a fol. 6 - 8 tal-process .

dawk nominati in sostituzzjoni f'każ li fi tmiem il-kondizzjoni sospensiva ndikata fil-ħames artikolu tat-testment, dawk ta' l-ewwel ikunu mietu improle.

Jirriżulta wkoll li l-interess ta' l-attur huwa tassew attwali, u dan għaliex l-inkarigu ta' l-esekutur testamentarju għadu ma ntemmx u l-assi tad-*decujus* jeħtieġu li jibqgħu jiġu amministrati minnu sa kemm ta' l-inqas isseħħ din il-kondizzjoni sospensiva.

Għaldaqastant billi jirriżulta ampjament li l-attur issodisfa wkoll  l-elementi meħtieġa għall-interess ġudiriku tiegħu fil-kawża preżenti, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża l-avukat Dottor Carmelo Galea nomine qed jiġu miċħuda, u konsegwentement tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------